**18 ta' Mejju, 1964**

**Imħallfin:**

**S.T.O. Prof. Sir Anthony J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President.**

**Onor. T. Gouder, LL.D.**

**Onor. J. Flores, B.L.Can, LL.D.**

Antonio Vassallo

versus

Edward Vassallo et

*Fir-relazzjonijiet normali bejn missier u ulied kbar li jibqgħu jgħixu miegħu bħala familja waħda fl-istess dar, ma jistax jiġi ravviżat kuntratt ta' kommodat.*

*L-obbligu tal-missier li jmantni lill-uliedu jinkludi ukoll l-abitazzjoni, però dan ma ifissirx li hu obbligat jippresta dawn l-alimenti fid-dar tiegħu.*

*Kif it-tfal ma jibqagħalhom ebda obbligu legali li jibqgħu jgħixu fid-dar ta' missierhom meta jsiru ta' l-età, ma jidhirx li*

*jista' jiġi impost obbligu legali lill-missier li jkompli jżommhom miegħu, in-nuqqas ta' dispożizzjoni espressa tal-liġi. li timponilu dan l-obbligu.*

**Ulied Maggorenni — Obbligu tal-Missier għal-Alimenti — Kommodat — Art. 1615 (1) Kod. Ċivili.**

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li bih l-attur premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji u mogħtijin il-provvedimenti opportuni — peress illi l-konvenuti qed jokkupaw bla titolu partijiet mill-fond il-Ħamrun, numru 5, Annunciation Street, detenut in lokazzjoni mill-attur, konsistenti f'dar u ħanut, u peress illi l-istess konvenuti qegħdin jgħixu fl-istess dar, u peress illi l-attur ma jridx illi l-konvenuti jibqgħu jgħixu fl-istess dar u jokkupaw l-istess dar u ħanut — talab illi l-konvenuti jiġu kundannati sabiex fi żmien qasir u perentorju, li jiġi lilhom prefiss minn dina l-Qorti, jiżgombraw il-partijiet minnhom okkupati fil-fond fuq imsemmi ċioe dar u ħanut 5, Annunciation Street, Ħamrun, u jirrilaxxjaw l-istess partijiet lill-attur u joħorġu mill-fond, bl-ispejjeż.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti li biha jgħidu illi t-talba attriċi li l-esponenti qegħdin jokkupaw il-fond 5 Annunciation Street, Ħamrun, bla titolu hija nfondata fil-liġi u fil-fatt.

Rat is-sentenza ta' dik l-Onorabbli Qorti tat-tmienja (8) ta' Frar, 1964 li biha laqgħet it-talba ta' l-attur, u għall-fini ta' l-iżgumbrament, ipprefiġġiet lill-konvenuti iż-żmien ta' xahar, spejjez mingħajr taxxa imma d-dritt tar-Reġistru għall-konvenuti wara li kkunsidrat:—

Li l-attur qiegħed jitlob l-iżgumbrament tal-konvenuti,

uliedu maġġjorenni, mill-fond numru 5, Annunciation Street, Hamrun, li huwa in parti dar ta' l-abitazzjoni u in parti ħanut; u dana fuq il-motiv li qegħdin jokkupaw partijiet minn dana l-fond mingħajr titolu.

Li l-motiv ta' dina t-talba mhuwiex bażat fuq imġieba ħażina tal-konvenuti, iżda unikament għaliex m'għandhomx titolu lokatizzju.

Li mill-provi rriżulta li l-konvenuti għexu dejjem ma' l-attur; u li llum għalkemm mhumiex iħallsu kera, qegħdin jikkontribwixxu xi ħaġa billi l-konvenut Edward qiegħed iħallas il-gas, parti mill-konsum tal-ilma, luċe elettrika, salarju tas-serva, etċ; u l-konvenut Edward jagħmel xi xogħol għal missieru bħala lavrant u l-konvenuta Anna tikkontribwixxi biss għas-salarju tas-serva u b'daqshekk jippretendu li huma qegħdin jirradikaw titolu għall-okkupazzjoni tal-post, għaliex, kif jippretendi d-difensur tagħhom il-kera tista tiġi rappresentata minn korrispettivi oħra li ma humiex ħlas ta' flus, bħal ma huma l-prestazzjonijiet u l-kontribuzzjonijiet ġa fuq imsemmija; u t-titoli għall-okkupazzjoni tal-fond ma jirrisiedix biss fil-kera, iżda fil-fatt stess li huma wlied l-attur u li għandhom interess fil-ġestjoni tan-negozzju li qiegħed jiġi eserċitat fil-fond in kwistjoni. Għal dawna l-obbjezzjonijiet id-difensur ta' l-attur oppona l-fatt tal-inkonċiljabilità tal-koabitazzjoni man-nuqqas ta' titolu fil-persuni tal-konvenuti.

Li, qabel xejn, għandu jingħad li l-pretensjoni tal-konvenuti għal titolu lokatizzju ma tistax tiġi milqugħa, għaliex ma ġiex pruvat li kien hemm bejn il-kontendenti manifestazzjoni espliċita jew impliċita tal-kunsens tagħhom dwar il-prezz tal-lokazzjoni u l-kunsens ma jistax jiġi presunt jiġifieri "suppost" iżda għandu jirrikorri dejjem biex

jista jingħad li jeżisti l-kuntratt relativ (art. 1615 (1) Kod. Ċiv. Pothier Vol. IV paġ. 796 Nru. 51, Kollez, XXXII, II, 337); għaliex id-determinazzjoni tal-kera hija element essenzjali tal-lokazzjoni li mingħajrha ġuridikament ma teżistix; u għalhekk ma tidherx anqas applikabili d-disposizzjoni tal-art. 1623 tal-Kodiċi Ċivili, għaliex dina d-disposizzjoni tippresupponi li l-lokazzjoni tkun ċerta u paċifikament rikonoxxuta, u l-kontestazzjoni tkun biss limitata għall-"quantum" tal-kera (Appell Ċivili sitta (6) ta' Ġunju, 1952 in re "Joseph Axisa vs. Rev. Padre Gondisalvo Grech, [O].P., noe. et" u l-awtoritajiet hemm ċitati; u KOLLEZ. XXXVI, II, 484).

Li, irriżulta li l-kera tal-fond in kwistjoni huma fuq isem l-attur u qiegħed iħallsu huwa; u għalhekk huwa mportanti li jiġi stabbilit fuq min jinkombi l-piż tal-prova, jekk l-kumditajiet allegati mill-attur humiex detenuti millkonvenuti prekarjament jew le. Mhuwiex biżżejjed li l-attur jagħmel il-prova li l-lokazzjoni hija fuq ismu. għaliex ilkonvenuti jistgħu jkollhom titoli oħra li jiġġustifikaw iddritt tagħhom għall-okkupazzjoni tal-fond bħal ma huwa l-komodat, jew kuntratt ieħor innominat; u allura dina lprova tirriverti fuq il-konvenuti, għaliex kif josserva l-Powell (on Evidence page 151) "The burden frequently shifts, as the case proceeds, from the person on whom it rested at first to his opponent." (Kollez. XXXVI, I, 577).

Li apparti l-konsiderazzjoni jekk il-konvenuti llum irradikawx xi dritt ta' residenza fid-dar tal-abitazzjoni ta' missierhom; u li ebda kawżali ta' molestja ma ġiet dedotta kontra tagħhom biex l-attur jiġġustifika l-espulżjoni talkonvenuti minn darhom; (arg. mill-art. 157 (1) Kodiċi Ċivili) irid jiġi eżaminat xi tfisser ġuridikament il-presenza tal-konvenuti f'dar missierhom.

Li fil-permanenza tal-konvenuti fil-fond "de quo", dina l-Qorti anqas ma hija proklivi li tirravvisa l-figura tal-komodat, għaliex bejn il-kontendenti ma ġiex fissat żmien, għad-durata tal-godiment tal-fond (KOLLEZ. XXXI, II, 29 (i) art. 1920 Kodiċi Ċivili) u għalkemm il-konvenuti qegħdin jippretendu li qegħdin jipprestaw korrispettiv għall-ħaġa li qegħdin jużaw dana ma jistax jingħad b'daqshekk il-kommodat assuma l-indoli ta' lokazzjoni. Infatti, kif ġa ntqal fil-lokazzjoni, dana l-korrispettiv, għandu jkun bi flus, mentri l-kommodat huwa essenzjalment gratuwitu: "Si rende un favore per amicizia o per deferenza alla persona a cui è reso; non si ha alcuna idea o desiderio di lucro; si fa atto di vera liberalita" (Ricci Corso Teorico — Pratico Dt. Civ. Ital. Vol. IX para. 185; Baundry La Cantinerie Vol. XXIII No. 66).

Li anqas ma rriżulta li l-konvenuti qatt ħallsu xi kera nominali, għaliex kieku f'dana l-każ, ma jistax jingħad skond il-gurisprudenza antika, li b'hekk gie denaturat il-kommodat, u konvertit f'lokazzjoni, (Kollez. XVII, III, 69); billi kompens simili, jekk ikun żgħir u nsinjifikanti ma tħassarx il-kommodat: "Li quis conduxerit uno minimo, conductio nulla est. quia et hoc donationis instar inducit" (L.D. 46 Dig. Locati et Conducti). F'dana s-sens kienet il-ġurisprudenza, qabel ma l-Qrati tagħna, aktar reċentement irrivertew fuq il-prinċipju aktar rigorus tad-Dritt Roman li jeskludi mill-kommodat kwalunkwe kumpens (Kollez. XXXIII, I, 774). Għalhekk a bażi tal-istess pretensjoni tal-konvenuti li qegħdin jokkupaw il-fond bil-korrispettiv tal-prestazzjonijiet fuq imsemmija, il-komodat għandu jiġi eskluż.

Li bejn il kontendenti ma rriżultax li qatt sar xi ftehim kwalunkwe għall-okkupazzjoni ta' dana l-fond, u għalhekk anqas jista jingħad li tagħhom hija lokazzjoni "sui

generis", kontemplata mill-ġurisprudenza. Infatti bl-emenda ntrodotta fl-Ord. XXVII tal-1947 għall-art. 46 tal-Kap. 109 tal-Liġijiet ta' Malta, il-kelma "kirja" titqies li tikkomprendi "(c) 'kull ftehim' ieħor li bih xi jedd reali jew personali fuq xi fond, liema jedd iħaddan dak ta' l-okkupazzjoni tal-fond, jingħata taħt xi titolu onerus jew kommutativ": u dana jseħħ anki jekk ma jiġix determinat żmien għal dak l-użu, għaliex għal dana tipprovdi l-liġi (Kollezz. XXXIII, I, 250; XXXVIII, I, 121.)

Li taħt dawna ċ-ċirkostanzi fin-nuqqas ta' ftehim, ma jistax jingħad li l-konvenuti, għandhom id-dritt personali fuq il-fond; u għalhekk din il-Qorti hija tal-fehma li bejn il-kontendenti ma hemm ebda kuntratt li jobbliga l-attur li jżomm f'daru lill-konvenuti; u ninsabu kwindi fil-materja tal-prekarju, li skond id-definizzjoni ta' Euniccio. . . "Non esse contractum, sed genus liberalitati, si qui precario possidet nullum esse juis in re quaesitum."

Rat in-nota ta' l-konvenuti li biha appellaw minn dik is-sentenza u l-petizzjoni tagħhom li biha talbu li tiġi revokata u t-talba ta' l-attur tiġi riġettata bl-ispejjeż.

Rat ir-risposta ta' l-attur li qal illi dik s-sentenza hi ġusta u timmerita konferma bl-ispejjeż.

Rat l-atti kollha tal-kawża, semgħet it-trattazzjoni u kkunsidrat:—

Il-partijiet f'din il-kawża huma minn naħa l-waħda l-missier u min-naħa l-oħra tnejn minn uliedu, ġuvni u xebba, it-tnejn ta' l-eta. Fid-dikjarazzjoni annessa maċ-ċitazzjoni l-attur, jekk mhux proprju bħala r-raġuni għat-talba tiegħu, għall-inqas bħala sfond tagħha, kien allega illi d-dipor-

tament ta' dawk iż-żewġ uliedu lejh huwa ħażin ħafna, kif okkorrendo hu kien lest biex jipprova. L-istess allegazzjonijiet ta' diportament ħażin da parti tal-konvenuti l-attur għamel ukoll fir-rikors li hu ppreżenta kontestwalment maċ-ċitazzjoni li bih talab li l-kawża tiġi trattata u deċiża bħala urġenti: hu qal illi bejniethom kien hemm ġlied kontinwu u l-atteġġjament u l-minaċċi tal-konvenuti kienu rrendew il-konvivenza fl-istess dar insopportabbli.

Il-konvenuti wkoll, min-naħa tagħhom fid-dikjarazzjoni tal-fatti annessa man-nota ta' l-eċċezzjonijiet għamlu allegazzjonijiet kontra l-attur.

Fil-kors tal-kawża, pero, la l-parti l-waħda u lanqas l-oħra ma ressqu provi ta' dak l-allegazzjonijiet tagħhom u t-trattazzjoni u d-diskussjoni ġew limitati għall-konsiderazzjoni tal-kwistjoni aktarx purament legali, involuta fil-kawżali taċ-ċitazzjoni, ċioe jekk il-konvenuti kellhomx titolu għall-okkupazzjoni da parti tagħhom ta' kommoditajiet fil-fond.

Dan il-fond huwa d-dar ta' l-abitazzjoni ta' l-attur u l-familja tiegħu, inklużi fiha sa' issa, iż-żewġ konvenuti. Go fih, pero, bieb wieħed, hemm ħanut ta' ġjojellier li fih jaħdmu wkoll il-konvenut Edward Vassallo, għall-rasu, u ħuh Henry li għandu ftehim partikolari ma l-attur skond il-kuntratt. B'dan il-kuntratt, l-attur, lill-ibnu Henry ċedielu u ttrasferielu n-nofs indiviż ta' l-avvjament u nkwilinat ta' dak in-negozzju ta' ġjojellerija u deheb u nofs indiviż ta' l-għodda u ordenji u 'fittings'. Fl-istess kuntratt ukoll l-attur ipprospetta illi n-nofs indiviż l-ieħor ta' l-istess negozju u affarijiet eventwalment iċedih lill-konvenut Edward Vassallo, iżda, sa kemm saret din il-kawża dan il-proġett ma seħħx u għalhekk, anqas dwar l-okupazzjoni ta' l-ambjent

tal-ħanut, ma hemm ebda ftehim speċjali bejn l-attur u dan *il-konvenut.*

Irriżulta mill-provi illi l-lokazzjoni tal-fond, vis-a-vis s-sid, kienet minn dejjem u hi f'isem l-attur u l-kera jħallsu hu. Iżda l-konvenut Edward Vassallo jikkontribwixxi għal nofs il-konsum ta' l-luċelettrika u jaħdem xi xogħol fl-interess ta' l-attur, u tant hu kemm il-konvenuta Anna Vassallo jikkontribwixxu xi ħaġa żgħira fix-xahar għassalarju *tas-seftura.*

L-ewwel Onorabbli Qorti ċaħdet il-pretensjoni ta' l-konvenuti illi, minħabba dawn il-kontribuzzjonijiet il-kommoranza tagħhom fid-dar tal-ġenituri hija b'titolu ta' lokazzjoni. Din il-konklużżjoni, fil-fehma ta' din il-Qorti, hi manifestament korretta.

Anki jekk stess wieħed jallarga d-*definizzjoni tal-kuntratt* ta' kiri mogħtija fil-Kodiċi Ċivili skond l-emendi magħmula fil-Kapitolu 109 bl-Ordinanza nru. XXVIII ta' l-1947, jonqos dejjem fiċ-ċirkostanzi tal-każ presenti l-animu bejn il-partijiet li jiġi kreat dak il-kuntratt. Il-konvenuti ma ġewx akkommodati fil-fond bis-saħħa ta' xi ftehim b'konsiderazzjoni ta' ħlas perjodikament rikorrenti jew għal xi perijodu ta' żmien. Dak li huma jħallsu kif fuq intqal *m'huwiex fl-ebda sens korrispettiv miftihem* biex joqgħodu fid-dar, iżda huwa dik il-kontribuzzjoni, fiha nnifisha żgħira, li bħala membri tal-familja huma jagħmlu għall-ispiża tas-servizzi komuni. Tkun ħaġa għal kollox irreali kieku wieħed kellu jgħid illi, l-ulied maġġorenni li jibqgħu jgħixu fid-dar tal-ġenituri tagħhom, għandhom, għaliex jikkontribwixxu xi ħaġa għall-ispejjeż domestiċi anki talvolta biex jitħallas il-kera, jitqiesu b'daqshekk assoċ-

ċjati mal-missier jew ma l-omm fl-inkwilinat tad-dar jew li għandhom sullokazzjoni minn għandhom, a meno che, s'intendi, ma jkunx hemm f'xi każ partikolari xi ftehim speċjali kif, f'dan il-każ presenti, hemm bejn l-attur u ibnu Henry kif intqal fuq.

Din il-Qorti taqbel ukoll ma l-ewwel Onorabbli Qorti illi, fir-relazzjonijiet bejn l-attur u l-konvenuti, u del resto in ġenerali, fir-relazzjonijiet normali bejn missier u uliedu kbar li jibqgħu jgħixu miegħu bħala familja waħda fl-istess dar, ma jistax jiġi ravviżat kuntratt ta kommodat. Dan mhux tant għar-raġuni msemmija minn dik il-Qorti; illi l-prestazzjonijiet u l-kontribuzzjonijiet magħmula mill-ulied għad-dar — jekk ikun hemm, kif hemm fil-każ presenti — jeskludu l-gratwita li hi rekwiżit essenzjali tal-kommodat, iżda għaliex, fil-fehma tal-Qorti, f'din ir-relazzjoni li tibda mit-twelid tat-tfal u tissokta ġeneralment oltre l-maġġor eta saż-żwieġ ta' l-ulied, m'hemmx il-fatti speċje ta' ftehim jew rabta kontrattwali li hi neċessarja għal kommodat kif hi neċessarja għal kull kuntratt — salvi ċirkostanzi speċjali li jistgħu jkunu jirrikorru f'xi każ partikolari.

Għal din l-istess raġuni, din il-Qorti — xi ftit diversament mill-ewwel Onorabbli Qorti — anqas jidhrilha illi dik ir-relazzjoni ta' bejn missier u uliedu tista' strettament tiġi deskritta bħala prekarju, kunsidrat mil-liġi tagħna wkoll bħala kuntratt.

Meta, pero, wieħed jgħid illi bejn il-partijiet ma jeżisti ebda **kuntratt** li jobbliga lill-attur li jżomm lill-konvenuti ġo daru, l-indaġini ma tkunx għad ġiet għal kollox neċessarjament eżawrita, għaliex il-kuntratt ossija konvenzzjoni huma waħda biss mis-sorġenti ta' l-obbligazzjonijiet anki jekk hi l-aktar frekwenti. L-obbligazzjoni tista wkoll tid-deriva mil-liġi.

L-appellanti infatti, jissottomettu illi l-missier għandu l-obbligu skond il-liġi li jmantni lill-uliedu. Dan l-obbligu — huma jgħidu — mhux ċirkoskritt minn eta u mhux legat mal-patria potesta. Fl-obbligu tal-manteniment hemm inkluż mhux biss l-ikel u l-ilbies iżda wkoll l-abitazzjoni. Huma talvolta ma għandhomx bżonn ta' l-ikel u l-ilbies; iżda għad għandhom bżonn ta' l-abitazzjoni.

Dwar din is-sottomissjoni, huwa ċertament veru illi l-obbligu tal-missier li jmantni lill-uliedu jestendi ruħu oltre l-minorita u li l-manteniment jinkludi wkoll l-abitazzjoni. Iżda dan l-obbligu jiddependi mill-bżonn u, in kwantu jinkdui l-abitazzjoni, ma jfisserx illi d-debitur għandu l-obbligu li jipprestaha fid-dar tiegħu. Meta stess hemm lok għall-prestazzjoni ta' l-alimenti minħabba raġuni ta' konsangwinita jew affinita fil-każijiet stabbiliti mil-liġi, l-obbligat għandu l-fakoltà li jipprestathom ġo daru u, meta joffri li jagħmel dan, hu ma jistax jiġi kostrett mingħajr raġuni tajba, li jipprestahom fi flus jew in-natura barra minn dara. Iżda kif ġa ntqal, hu ma hux obbligat; kontra l-volonta tiegħu, li jilqa u jżomm ġewwa daru, jgħix miegħu lill-alimentand, (ħlief, talvolta f'xi ċirkostanzi verament speċjali li fihom, skond ċerti awturi, il-Qorti tista tikkostringieh li jagħmel dan: ara Quartarone: "Il Diritto agli alimenti Ed. 1884 p. 163 § 206). Dan vwoldiri illi kieku stess "ex hypothesi" dan kien każ fejn sata jingħad illi l-konvenuti għandhom dritt ta' alimenti kontra l-attur, ma kienx ifisser illi huma kien ikollhom dritt li jġegħluh in bażi għal dak id-dritt, li jżommhom ġo daru jekk hu ma jridx. Talvolta hu kien ikollu l-obbligu li jipprovdilhom l-aliment.

L-appellanti ssottomettew ukoll illi jmur kontra l-konċett tal-familja maltija u l-kostumi tal-pajjiż illi, għax ulied ikunu għalqu l-eta u jkunu jaħdmu jew jistgħu jaħdmu,

il-missier jista, bla ebda raġuni, joħroġ lil dawk l-ulied mid-dar fejn trabbew. Partikolarment huwa kontra l-'mores' u l-konswetudini ta' pajjiżna illi xebba, għax maġġorenni u tista' taħdem, tiġi mitfugħa l-barra minn dar ommha u missierha u trid taħseb hi biex issib fejn tikri għall-rasha. Sta bene, — komplew jgħidu l-appellanti — li l-missier ikollu dan id-dritt jekk ikun hemm raġuni li tirrendi l-koabitazzjoni ta' l-ulied impossibbli: iżda mhux meta ma hemm ebda raġuni.

Din is-sottomissjoni, elaborata b'elokwenza u abilita mill-avukat ta' l-appellanti waqt it-trattazzjoni orali ta' l-appell, ippreokkupat gravament lill-Qorti u fuqha ħasbet fit-tul.

Sa kemm it-tfal huma soġġetti għall-patria potesta, m'hemmx dubju illi l-missier għandu l-obbligu normalment li jżommhom ġo daru. Huwa jista' f'ċerti ċirkostanzi biss ibgħedhom mid-dar jew bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti jqiegħdhom f'istitut. L-ulied ukoll għandhom l-obbligu li jgħixu fid-dar ta' missierhom u ħlief f'ċerti ċirkostanzi, kontemplati mil-liġi, ma jistgħux mingħajr il-kunsens tal-missier jew l-awtorizazzjoni tal-Qorti jitilqu minn dik id-dar jew mid-dar illi l-missier ikun iddestinalhom.

Iżda kif it-tfal ma jibqgħalhom ebda obbligu legali li jibqgħu jgħixu fid-dar ta' missierhom meta jsiru ta' l-eta, ma jidherx li jista jiġi mpost obbligu legali lill-missier illi jkompli jżommhom miegħu, fin-nuqqas ta' disposizzjoni espressa tal-liġi li timponilu dan l-obbligu. kif ġie rilevat fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-sbatax (17) ta Settembru, 1942, fl-ismijiet "Costantino Micallef vs. Giuseppe Micallef" (Vol. XXXI, II, 74).

Il-Qorti ċertament hi ansjuża li ma tgħid ebda kelma li

tista b'xi mod tindebolixxi jew tiddisturba s-solidarieta u l-koesjoni li huma karatterestiċi tradizzjonnali tal-familja maltija. Meta tgħid illi l-missier għandu skond dil-liġi dritt li jitgħad lill-uliedu kbar mhux miżżewġa barra mid-dar, donnu illi l-loġika freddament ġuridika tirripunja għas-sentimenti ta' l-etica familjari u soċjali skond il-"mores" tal-pajjiż. Iżda l-antinomija mhix, fis-sostanza, ħlief apparenti għaliex "dove la natura dove l-affetto non giova, non arriverebbero e non gioverebbero gli articoli di un codice." Li tikkostrinġi l-missier, kontra l-volonta tiegħu, li jżomm jikkoabitaw miegħu u mal-familja xi wħud mill-ulied li hu jixtieq li joħorġu mid-dar, ma jservix aktarx ħlief biex jiġu aktar inaspriti s-sentimenti u turbata l-kalma u t-trankwillita li huma elementi essenzjali għall-benessere tal-familja.

U fil-prattika tal-ħajja meta jinqalgħu inċidenti bħal dak involut f'din il-kawża, ir-raġuni tkun hemm, anki jekk il-partijiet jagħżlu kif għażlu fil-każ presenti, li din ma tiġix mxandra fil-beraħ. F'din il-kawża l-attur ħa l-pozizzjoni tiegħu fuq affermazzjoni ta' dritt legali u ma pproduċa ebda prova kif ġa ġie rilevat, dwar l-obbjezzjonijiet tiegħu fuq il-kondotta lejħ tal-konvenuti. Iżda l-fatt stess ta' dawk l-allegazzjonijiet, li għalihom il-konvenuti rribattew b'allegazzjonijiet oħra, ġa juri minnu n-nifsu illi xi raġuni teżisti anki jekk, minħabba n-nuqqas ta' provi, ma tistax tiġi allokata l-ħtija. Imma anki jekk talvolta l-ħtija hi reċiproka u anki jekk, għall-grazzja ta' l-argument, il-ħtija qegħda min-naħħa ta' l-attur, jibqa veru, ċionondimeno illi l-kondizzjoni essenzjali għall-kontinwata koabitazzjoni trankwilla u serena, almenu għall-mument, ġiet nieqsa.

Il-Qorti taħseb illi, in ultima analisi, mhux kuntrarju għall-interessi sew soċjali kemm tal-familja, illi d-diskrez-

joni tiġi mħollija f'idejn il-missier, fuq il-presunzzjoni, aktarx vera żgur fil-maġġoranza l-kbira tal-każi, li hu ma jaġixxix b'kapriċċ jew bla raġuni.

Hekk donnu jidher li ġie ritenut fis-sentenza ċitata fil-Fadda (art. 221-223 § 73) fejn intqal: "Il ġenitore ha diritto di allontanare dalla casa anche i figli maggiori di eta, **quando li creda** di ostacolo alla paci domestica, somministrando loro gli alimenti" (S'intendi jekk ikun il-każ). għall-interess ta' kulħadd jista jkun għar illi f'dawn il-każijiet, fortunatament rarissimi, ir-raġunijiet għall-provvediment ikollhom jiġu esposti għat-tensjonijiet u l-akrimonja u l-pubbliċita li nevitabilment jikkompanjaw il-kawżi.

Għal dawn il-motivi l-appell ma jistax, fil-fehma tal-Qorti, jiġi milqugħ.

Kwantu għaż-żmien il-Qorti jidhrilha illi, minħabba d-diffikoltajiet kbar li llum jeżistu biex wieħed isib dar oħra, u in vista wkoll speċjalment tal-mestier tal-konvenut Edward Vassallo, iż-żmien għandu jkun raġonevolment twil.

Għalhekk il-Qorti tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u fis-sens tal-konsiderazzjonijiet premessi, tikkonferma s-sentenza appellata b'dana illi ż-żmien biex joħorġu jkun ta' tlett xhur u jibda jgħodd mil-lum. Anki l-ispejjeż ta' l-appell jibqgħu bla taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru li jħallsuh l-appellanti.